# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 76**

**Rikors numru 830/19/1 GM**

**Turnkey Services Malta Limited (C82232)**

**v.**

**Joseph Saliba**

1. L-attriċi kienet daħlet fi ftehim ta' appalt datat 5 ta' Marzu, 2018, sabiex tagħmel diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'fond li jinsab ir-Rabat proprjetà ta' Jill Bergford u Cliff Falzon, bi profitt għaliha ta' €44,723.99. L-attriċi tgħid li kien ġie miftiehem sub-appalt ma' ċertu Max Ebejer iżda mbagħad ġie miftiehem li dan is-sub-appalt jingħata lill-konvenut. L-attriċi tallega li l-konvenut naqas milli jesegwixxi x-xogħlijiet miftehma skont is-sengħa u l-arti u ma kienx qiegħed jesegwixxi x-xogħlijiet fil-ħinijiet

miftehma, u dan minbarra li kien responsabbli għat-tiġrif ta' *concrete shuttering* fit-tieni sular tal-binja li kien installa hu għalkemm mhux skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk hija kellha tħallas lis-sidien danni u tagħmel spejjeż oħra biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati mill-konvenut.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi fl-eżekuzzjoni tas-sub-appalt ikuntrattat, l-intimat naqas milli jagħmel ix-xogħlijiet lilu mqabbda skont is-sengħa u l-arti u kien negliġenti fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ikuntrattati.
>
> 2. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli għall-inċidenti tal-1 ta' Novembru 2018 u konsegwentament li huwa wkoll responsabbli għall-ħsarat kollha kkaġunati b'konsegwenza tal-istess incident.
>
> 3. Tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti kemm dawk konsegwenti għall-inċident tal-1 ta' Novembru 2018 kif ukoll b'konsegweza tal-eżekuzzjoni negliġenti u mhux skont is-sengħa u l-arti tax-xogħlijiet ikkuntrattati u tal-abbandun tiegħu tax-xogħol, liema danni jinkludu imma mhux limitati għat-telf ta' profitti u introjtu, għall-valur tal-għodda u materjal misruqa, ħlas ta' kumpens magħmul lill-terżi u spejjeż għall-xogħlijiet raparatorji magħmula.
>
> 4. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti jekk jenħtieġ bl-għajnuna ta' perit nominandi.
>
> 5. Tiddikjara illi l-intimat tħallas iż-żejjed u indebitament mill-esponenti meta huwa abbanduna l-lant tax-xogħol wara li kien tħallas ferm oltre x-xogħol li kien eżegwit minnu għalhekk tiddikjara illi l-intimat għandu jirritorna lura kull ħlas żejjed lilu magħmul.
>
> 6. Tillikwida l-ħlas magħmul żejjed u indebitament mill-esponenti lill-intimat jekk jentħieġ, bl-għajnuna ta' Perit nominandi.
>
> 7. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidata, kemm bħala ħlas ta' danni sofferti kemm bħala rimnors tal-ħlas indebitu magħmul."

3. Joseph Saliba eċċepixxa, *inter alia,* li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur peress li m'hemm l-ebda kuntratt ta' sub-appalt bejnu u bejn

l-attriċi, li mhuwiex minnu li bejnu u bejn Max Ebejer hemm xi tip ta' ftehim verbali jew bil-miktub, li huwa ma kellux x'jaqsam mal-*finishings* tal-proprjetà, li mhuwiex minnu li l-attriċi nefqet somma ta' aktar minn €8,000 għaliex huwa rċieva biss depożitu ta' €4,000, li peress li ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' sub-appalt ma kien hemm l-ebda data u ħin miftiehem meta kellu jitlesta x-xogħol, li x-xogħol kien imwettaq skont is-sengħa u l-arti tant illi l-klijenti tal-attriċi riedu li jkun hu li jkompli bix-xogħlijiet iżda mbagħad ma qablux fuq il-prezz, li kienet l-attriċi stess li qabbdet terzi persuni u ħallset lilhom direttament biex jinstallaw il-*concrete shuttering* u huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' din l-installazzjoni tant li dan ix-xogħol sar wara li huwa waqaf jaħdem fuq il-fond in kwistjoni, li huwa ma kellux x'jaqsam mal-inċident u l-ħsarat imsemmija u għalhekk mhuwiex responsabbli għad-danni subiti mill-attriċi, u li huwa kien laħaq wettaq xogħlijiet li jaqbżu l-valur ta' €14,300 u nfatti kien waqaf jaħdem minħabba nuqqas ta' ħlas min-naħa tal-attriċi.

4. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Frar, 2022, ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad it-talbiet tal-attriċi.
> Spejjeż a kariku tagħha."

5. L-attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-15 ta' Marzu, 2022, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. Il-konvenut, minkejja li ġie debitament notifikat permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, ma ppreżenta l-ebda risposta tal-appell.

**Ikkonsidrat;**

7. Is-soċjetà appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li hija ma rnexxilhiex tipprova li x-*shuttering* tat-tieni sular (*second floor)* li wassal għat-tiġrif in kwistjoni kien sar mill-konvenut għaliex mill-provi prodotti jirriżulta ampjament il-kuntrarju. Targumenta li l-inċident fejn iġġarraf x-*shuttering* kien seħħ fl-1 ta' Novembru, 2018, filwaqt li mill-irċevuti u *cheque images* esebiti jirriżulta li l-konvenut kien għadu qed jirċievi pagamenti mingħandha fl-istess żminijiet li ġie nstallat ix-*shuttering*, u dan tant li fl-20 ta' Ottubru, 2010, kien irċieva pagament ta' €300. Iżżid li l-konvenut stess *ex admissis* qal li kien responsabbli għax-*shuttering* u l-għoti tal-konkos tal-ewwel sular u ma ġab l-ebda prova li turi li l-arranġament li kien hemm fuq l-ewwel sular kien inbidel. Targumenta wkoll li r-responsabbilità tal-konvenut tirriżulta mir-rapport u mix-xhieda tal-Perit Matthew Tanti li fir-rapport tiegħu spjega x'kien ġie miftiehem mal-konvenut wara t-tiġrif u fix-xhieda tiegħu qal li l-unika parti mir-rapport li ġie kkontestat mill-konvenut kien il-fatt li ssemma bħala sub-appaltatur. Iżżid li fil-fatt il-Perit kien bagħat *email* fit-30 ta' Ottubru, 2018, u ċjoè jumejn qabel l-inċident, fejn ikkonferma li kien dar il-ħadid mal-

konvenut, u żżid li anke s-sempliċi fatt li Saliba ngħata kopja tar-rapport turi r-responsabbilità tiegħu għax-xogħlijiet għaliex li kieku kien verament laħaq telaq qabel ma sar ix-*shuttering* ma kienx ikun hemm ħtieġa li jingħata kopja tar-rapport. Iżżid li prova oħra li tkompli tikkonferma li mhuwiex minnu li l-konvenut kien telaq mill-proġett qabel ma sar ix-*shuttering* tat-tieni sular hija l-fatt li l-konvenut kien laħaq iltaqa' ma' Goran Stojkovic meta l-istess Stojkovic xehed li huwa kien ħadem jumejn biss fuq is-sit in kwistjoni, u tgħid li Stojkovic stess ikkonferma li kien hu li kien imqabbad u responsabbli ghax-*shuttering*. L-appellanti tilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq ix-xhieda ta' Goran Stojkovic meta mill-assjem tax-xhieda tiegħu jirriżulta li kien Joseph Saliba li kien responsabbli għax-*shuttering* in kwistjoni, u wkoll li Daribor kien ġie deportat lura lejn is-Serbja qabel ma' sar ix-*shuttering* u għalhekk ma jistax ikun li kien Daribor li kien responsabbli ghax-*shuttering* kif jallega l-konvenut. Tilmenta wkoll dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-konvenut kien xhud kredibbli meta l-konvenut qal li Max Ebejer kien telaq minn dan il-proġett għaliex ma tħallasx filwaqt li Ebejer ikkonferma li hu kien tħallas ta' kollox. Iżżid li tant il-konvenut kien inkarigat mix-xogħol li saħansitra kien għad għandu aċċess għas-sit għaxart ijiem wara l-inċident biex imur jieħu l-għodda u l-armar tiegħu, li kien l-istess armar u *shuttering* li sar ħażin u seħħ l-inċident minħabba fih.

8. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“ Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi l-attriċi hi, kif appuntu jixhed isimha stess, *turnkey contractor.* Inkarigata tagħmel xogħol fil-fond imsemmi fir-Rikors Ġuramentat tagħha, is-subappalt tatu lil ċertu Max Ebejer permezz ta’ ftehim bil-miktub. Ebejer beda x-xogħol iżda ma komplieħx u s-subappalt ġie tterminat bi ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Joseph Saliba, konvenut f’din il-kawża, għamel xi żmien jaħdem fl-istess fond bħala impjegat ta’ Ebejer u waqaf xi żmien qabel ma ġie tterminat is-subappalt. Fuq talba ta’ Ognyan Ignatov, uffiċjal tal-attriċi, Saliba kompla bix-xogħol hu. Il-ftehim bejniethom sar bil-fomm biss. F’Novembru 2018, waqt li kien qiegħed jingħata l-konkrit fit-tieni sular (ossia l-first floor) ikkollassa l-armar ta’ taħtu u kkawża ħsarat kbar fil-post.

Dwar dan l-inċident, il-partijiet ma jaqblux fuq żewġ punti ewlenin:

L-ewwel: Ignatov jgħid – u Saliba jiċħad - li ftiehem li Saliba kellu jkompli bl-istess rati u kundizzjonijiet tas-subappalt ma’ Ebejer. Dwar dan hemm biss il-kelma ta’ Ignatov u l-kelma ta’ Ebejer.

It-tieni: Skont Ignatov, l-armar li kkollassa kien poġġieħ Saliba - u Saliba jiċħad. Saliba xehed li huwa kien temm ix-xogħol tiegħu madwar ġimagħtejn jew tliet ġimgħat qabel, għaliex ma kienx qiegħed jitħallas. Huwa nforma lill-Perit tal-attriċi li kien sejjer jieqaf kif ukoll lil Ignatov bit-telefon. Bil-miktub m’għandu xejn. Seta’ kien hemm korrispondenza permezz ta’ SMS iżda t-telefon ċellulari kellu l-ħsara, kien biddlu, u għalhekk tilef l-evidenza. Meta saqqaf il-pjan terran ix-*shuttering* m’għamlux hu għaliex ma kellux esperjenza Għalhekk qabbad lil ċerti Dalipor u Koran u ħallashom. Għat-tieni sular (*first floor*) jisħaq li ma qabbadhomx hu iżda qabbadhom Ignatov. Il-konvenut ipproduċa bħala xhud tiegħu li ċertu Govan Stojkovic li kien impjegat ma’ Dalipor. Stojkovic beda rokna tal-armar tas-saqaf tat-tieni sular; ma tħallasx u telaq. Ikkonferma li Dalipor kien inkarikat mix-xogħol; u ġieb ukoll biex tagħmel ix-xogħol tal-armar persuna oħra ta’ karnaġjon skur ma jafx x’jismu.

“Av2: Allright, ok. Hemm and Dalipor you know if he was working for Joseph Saliba or if he was working with him?

“Stojkovic: No no, I know Dalibor to, Dalibor everytime is tell me for, work for Ogi. Ogi Nogi I don’t know, veru know not name”.

Għalhekk ma jirrizultax li l-konvenut għamel l-armar u ma jistax jinzamm responsabbli għal xogħol ħażin jew danni fir-rigward.

Il-Qorti kellha l-okkażjoni tisma’ *viva voce* lil Saliba u nnutat li kien spontanju u konsistenti fil-verżjoni tiegħu; kemm dwar in-nuqqas ta’ ftehim speċifiku t’appalt jew aħjar subappalt kif ukoll dwar l-armar. Di piu` dwar l-armar ix-xhieda tiegħu hija kkorroborata minn dik ta’ Stojkovic.

Ma tressqet l-ebda prova dwar xogħol ħażin.

> Lanqas jirriżulta li Saliba ma wettaqx xogħol skont is-sengħa u l-arti, jew li ma lestiex fil-ħin.
>
> Għalhekk dan huwa każ ta' *actore non probante, reus absolvitur.”*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża l-Qorti hija tal-fehma li l-appell tas-soċjetà attriċi huwa nfondat. L-ewwel nett il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-konvenut kien xhud kredibbli u affidabbli. L-appellanti tgħid li l-konvenut ma kienx xhud affidabbli għaliex qal li Max Ebejer kien abbanduna l-proġett għaliex ma tħallasx, filwaqt li fix-xhieda tiegħu Ebejer ikkonferma li kien tħallas tax-xogħol kollu li għamel għall-attriċi. Il-Qorti tosserva però li din ix-xhieda mogħtija minn Ebejer ingħatat f'Mejju tal-2021 u mix-xhieda tiegħu ma jirriżultax jekk dawn il-ħlasijiet li rċieva kienux saru fil-ħin jew le, mentri l-konvenut fix-xhieda tiegħu kien qed jirreferi għall-2018. Għalhekk ix-xhieda ta' Ebejer mhijiex biżżejjed biex ixxejjen il-kredibilità tal-konvenut kif tippretendi l-attriċi. F'dan ir-rigward il-Qorti tkompli billi tosserva li fil-fatt il-konvenut ma qalx li Ebejer ma kienx tħallas ta' xogħlu kompletament kif tagħti x'tifhem l-attriċi, iżda li “*kien immissjaħ xi flus*” li din il-Qorti tifhem fis-sens li kien hemm xi pagamenti li ma sarux.

10. L-appellanti targumenta wkoll li t-teżi tagħha tinsab sufficjentement pruvata in vista tar-rapport tal-Perit Matthew Tanti, b'mod partikolari

peress li f'dan ir-rapport jingħad hekk: "*It was agreed with Joseph Saliba to close off the upper part of the wall with a concrete topping and further protect it with a layer of waterproof membrane to exclude any water from entering the building fabric.*" Mir-rapport u mix-xhieda tal-Perit Matthew Tanti din il-Qorti tifhem però li l-konvenut ma kienx hemm meta seħħ l-inċident u għalhekk jidher illi r-referenzi li jsiru għall-konvenut f'dak ir-rapport ma jirrappreżentawx ħwejjeġ li ntqalu lill-istess Perit mill-konvenut innifsu. Il-Qorti tqis ukoll li l-fatt li l-konvenut ingħata kopja ta' dan ir-rapport ma jfissirx li kien neċessarjament għadu nvolut fil-proġett ikkonsidrat li l-konvenut konsistentement xehed li Ignatov, għas-soċjetà attriċi, riedu li jkun involut fix-xogħlijiet rimedjali wara li ġġarraf x-*shuttering*.

11. Lanqas ma huwa fondat l-argument tal-attriċi li l-konvenut kien qiegħed jipprova jagħti x'jifhem li kien hemm xi arranġamenti separati għas-sular ta' isfel u dak ta' fuq u li skont il-konvenut huwa minħabba tali arranġamenti separati li huwa kien responsabbli għax-*shuttering* ta' isfel iżda mhux tal-ewwel sular. Minn qari tax-xhieda tal-konvenut jirriżulta li dak li qal hu li huwa kien responsabbli għax-*shuttering* ta' isfel u suppost kellu jagħmel dak tal-ewwel sular ukoll, iżda minħabba diżgwid li nqala' bejnu u bejn l-attriċi huwa kien għażel li ma jkomplix jaħdem fuq il-proġett u kien għalhekk li l-attriċi nkarigat lil terzi biex jieħdu ħsieb ix-*shuttering*. Il-fatt li kien hemm disgwid bejn l-attriċi u l-konvenut huwa fil-fatt ikkonfermat mir-rapport tal-Perit Matthew Tanti li espressament qal li

Ognyan Ignatov qallu li "*there was a quarrel between himself and the people he subcontracted (Joseph Saliba)*[…]*"*. Għalhekk din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni biex tiddubita din il-verżjoni tal-konvenut. Dwar il-fatt li l-aħħar ċekk li nħareġ mill-appellanti kien fl-20 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti tosserva li l-konvenut stess qal li d-disgwid kien inqala' ftit ta' żmien qabel ma' sar ix-*shuttering* minn dawn it-terzi u anke mir-rapport tal-Perit Tanti jidher li d-disgwid kien seħħ relattivament ftit ta' żmien qabel l-inċident in kwistjoni. Għalhekk il-fatt li l-aħħar ċekk li nħareġ kien xi għaxart ijiem qabel l-inċident in kwistjoni ma jistax iwassal għall-konklużjoni li l-konvenut kien qiegħed jigdeb meta xehed li kien iddeċieda li ma jkomplix jaħdem fuq il-proġett in kwistjoni u li kien għalhekk li m'għamilx ix-*shuttering* in kwistjoni hu.

12. Il-Qorti lanqas ma' taqbel mal-appellanti fl-argumenti tagħha dwar ix-xhieda ta' Goran Stoykovic, ħlief fejn qalet li din it-testimonjanza kienet pjuttost imħawda minħabba diffikultajiet fil-lingwa. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt li ħadd mill-partijiet ma talab li jitqabbad interpretu sabiex Stoykovic ikun jista' jixhed bil-lingwa tiegħu u ssir interpretazzjoni għall-Malti, ikkonsidrat li mit-traskrizzjoni tax-xhieda jidher li Stoykovic isibha ferm diffiċli biex jesprimi ruħu bl-Ingliż u fil-fatt ix-xhieda tiegħu hija partikolarment konfuża. Minn dak li tista' tifhem din il-Qorti mix-xhieda ta' Stoykovic però ma jirriżultax li Stoykovic qal li hu jew ċertu Dalibor kienu mqabbdin mill-konvenut. A kuntrarju ta' dan l-argument jirriżulta li safejn kien jaf Stoykovic huma kienu ġew imqabbdin

mill-attriċi kkonsidrat li xehed li Dalibor qallu "*is have part time with Ogi*" [b'referenza għal Ognyan Ignatov], u li "*Dalibor and Ogi like this is tell me Dalibor. Ogi tell me day per day I pay you.*". Infatti meta Stoykovic ġie mistoqsi ċar u tond jekk Dalibor qallux jekk kinux qed jaħdmu għal konvenuti jew għall-attriċi x-xhud qal hekk: "*No no, I know Dalibor to, Dalibor everytime is tell me for, work for Ogi.*"

13. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-appellanti ma ressqet l-ebda raġuni valida sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, li minn eżami tal-provi prodotti jirriżulta li huwa ġust u korrett. Għaldaqstant l-appell tal-attriċi qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata tas-17 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż tal-appell kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da